MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2002

Numru 875/1999

**Il-Pulizija**
**(Sp. Helga Debono)**

**vs**

**Raymond Cassar ta' 35 sena, iben Carmel**
**u Helen nee Zammit, mwieled H'Attard**
**fil-21 ta' Gunju, 1964, u joqghod 21, Main Street,**
**Naxxar, detentur tal-karta ta' l-identita'**
**bin-numru 342264 (M)**

**Illum 15 ta' Novembru, 2002.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Raymond Cassar li gie akkuzat talli bejn is-17 ta' Lulju, 1995 u l-25 ta' Marzu, 1996 b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u dan bi ksur ta' l-artikolu (18) tal-Ligijiet ta' Malta Kapitlu (9):

(a) Sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentament ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, u dan bi ksur ta' l-artikolu (188) tal-Kapitlu (9) tal-Ligjiet ta' Malta.
(b) Bhala Ufficjal jew impjegat pubbliku, ghamel reat li kellu jissorvelja biex ma jsirx jew minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi u dan bi ksur ta' l-artikolu 141 tal-kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat li l-akkuzat wiegeb li ma kienx hati ta' l-imsemmija akkuzi.

Rat ir-rinviju ta' l-Avukat Generali fejn intbaghtu l-artikoli taht liema fil-fehma tieghu tista' tinstab htija u cioe: 18, 188, 31, 141, 20 u 533 tal-kap 9.

Rat li l-akkuzat ta l-kunsens tieghu ghal dawn il-proceduri (a fol 89).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Senjalament ix-xhieda qalu:

Sylvester Mifsud f'isem il-kumpanija Mifsud tkellem dwar il-fatt li hu hadem fi triq il-Baljol pero' t-tender moghti lilu kien fuq bicca art ohra fejn kien hemm razzett. Xehed li kien l-akkuzat li tah l-awtorita' li jbiddel it-toroq. Zied ukoll li l-kumpanija kienet thallset tax-xoghlijiet li ghamlet.

Paul Mifsud, Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta' l-Ambjent ikkonferma li Mifsud kien thallas ta' xoghol li fil-

fatt ma ghamilx : ghalhekk gie li thallas min fil-fatt m'ghamilx ix-xoghol fuq il-bicca art in kwistjoni. Gie allegat ukoll mis-Sur Mifsud li l-Perit kien anke rega' ghamel talba lid-Dipartiment ghat-tieni tender fuq l-istess post, ghalhekk jirrizulta li kien se jkun it-tielet darba li jsir ix-xoghol f'dan il-post.

<u>Jigi rilevat fir-rigward din l-ahhar allegazzjoni li dan baqghet tali u ma ngabet ebda prova ohra f'dan ir-rigward.</u>

L-akkuzat minn jeddu xehed u qabel li dwar it-tender tal-Mosta, li fih kien hemm diffikulta' tal-leasement bir-rizultat li dan kien se jiehu tul taz-zmien ghalhekk fuq decizjoni tieghu fil-Mosta stess kien hemm xoghol iehor bl-istess tul, volum u ammont ta' flus u li hu ta dan ix-xoghol il-kuntrattur approvat ghall-ewwel tender. Fi kliemu huwa naqas biss li jitlob il-permes tal-finanzi biex jaghmel dan l-iskambju fil-lokalita' tax-xoghol. L-istess Perit xehed li ma kinitx l-ewwel darba li sar dan it-tip ta' kambjament ghalkemm mhux spiss. Fehem ukoll li originarjament kien se jsir xoghol go Bir id-Deheb pero' ghax gie kkonstatat id-diffikulta tieghu, u stante li kien jinvolvi l-istess tul ta' metri involuti f'din il-lokalita', saru xoghlijiet ohra fosthom dawk in kontestazzjoni tal-Mosta. Spjega r-raguni ghala l-bicca xoghol tar-razzett saret minn Calex Ltd. u mhux minn Mifsud ghax Calex ( li kellu jaghmel ix-xoghol ta' Bir id-Deheb) kien jaf personalment is-sid ta' l-ghalqa ta' Bir id-Deheb li kellha l-problema ta' leasement, u dan is-sid halla biss lil Calex Ltd jahdem hemm cioe jaghmel ix-xoghol necessarju. Ammetta l-Perit li fil-fatt hu fil-file ma wahhalx il-pjanta li tindika t-tibdil li sar. Ammetta li hu naqas milli jgib l-approvazzjoni tal-Finanzi biex jibdel lokalita' fil-Mosta ma' ohra pero' insista li l-ammonti li ntefqu kienu identici.

Is-Sur Cassar jikkonferma fuq suggeriment ta' l-Avukat Difensur hekk: “Le .. ma jirrizultalix li ma hallas xejn izjed” dan a dannu ghal Gvern ta' Malta (a fol 40). Jidher ukoll li s-Sur Cassar li qabel mas-suggeriment ta' l-Avukat Difensur illi kull ma ghamel l-akkuzat kien li nesa jaghmel id-debita referenza fid-dokumentazzjoni, bil-kliem ezatt (fol 40).

A tempo vergine huwa rrilaxxa statement li fih hemm il-verzjoni li hu ta quddiem il-Qorti.

Ikkunsidrat

Illi Cassar gie akkuzat principalment taht l-artikolu 188 u 141 tal-kap 9.

L-artiklu 188 jghid: "Kul min, sabiex jikseb xi vatagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement jaghmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jaghti taghrif falz, jehel, meta jinsab hati, l-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn jew multa". L-artiklu 188 jitkellem dwar kull min xjentement jaghti taghrif falz f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika. Certament il-Perit Cassar meta ma ndikax il-kambjament fil-lokalita' u l-kuntrattur ta taghrif falz. Pero' hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li jekk dan sar xjentement tali punt certament ma giex pruvat. Min-naha l-ohra l-perit ghal aktar minn darba ammetta li dan sar bi zball min-naha tieghu, zball li hu attribwih ghal pressjoni ta' xoghol li hu kellu f'dak iz-zmien. Element iehor saljenti biex jigi kostitwit dan ir-reat huwa l-beneficcju jew vantagg ghalih (cioe ghal agent) jew ghal terz u li x-xjenza tal-falsita' ghandha tkun determinata u voluta minhabba tali vantagg jew beneficcju. Pero' kif irrizulta mill-provi, hawn ma rrizulta vantagg lil hadd. Ghalkemm fil-fatt jidher li s-socjetajiet Calex u Mifsud thallsu ta' xoghol maghmul fl-istess fond anke jekk in parte, pero' ma jirriuzltax sufficjentement pruvat, li ma sarx ebda pagament doppju effettivament ghax Mifsud ghalkemm thallas ta' xoghol fis-sit A, maghmul effettivament minn Calex Ltd, huma hadmu f'sit B li tieghu ma' thallasx.

Illi in vista ta' dak premess il-Qorti thoss li hi ghandha taqbel mat-tezi ta' l-Avukat Difensur u cioe li r-reati addebitati ma jirrizultawx u li l-imgieba tal-Perit di piu' kif impostata hija prosegwibbli amministrativament

ghaldaqstant qed tilliberah mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

--------------------------------TMIEM--------------------------------